# Fil-Qorti tal-Magistrati ta' Malta
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Francesco Depasquale LL.M., (IMLI), LL.D.

## Illum il-Gimgha, 25 ta' Settembru, 2015.

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil) u**
**(Spettur Carlos Cordina)**

**Vs**

**Clint Micallef**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Clint Micallef** ta' 22 sena iben Angodej u Salvina xebba Attard, imwieled gewwa l-Pieta` nhar it-22 ta' Marzu, 1993, u residenti 15, Il-Merill, Triq il-Ghasel, Hal-Qormi u detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 155093M;

Akkuzat talli gewwa Hal-Qormi u f' dawn il-Gzejjer, nhar it-22 ta' Settembru 2015 ghal habta tat-tmienja ta' filghaxija u fis-sieghat ta' qabel:

1. Dolozament xerridt ahbarijiet foloz illi x' aktarx jallarmaw lill-pubbliku jew jiksru l-bon ordni pubbliku jew il-paci pubblika inkella illi jgibu agitazzjoni fos il-pubbliku jew fos xi klassijiet tal-pubbliku.

2. Talli fl-istess cirkostanzi uzajt kliem jew imgieba ta' theddid, abbuziv jew insolenti, jew esebixxejt xi materjal miktub jew stampat li huwa ta' theddid, abbuziv jew insolenti, jew xort' ohra u gibt ruhek b' dak il-mod, bil-hsieb li b' hekk tqajjem vjolenza jew mibeghda razzjali kontra xi persuna ohra jew grupp ta' persuni fuq bazi ta' generu, identita' tal-generu, orjentazzjoni seswali, razza, kulur, lingwa, origini etnika, religjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni ohra jew b' hekk johloq il-probabbilta' li , meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem vjolenza jew mibeghda razzjali, dan aggravat b' artiklu 83 B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Talli fl-istess cirkostanzi nsultentajt, heddidt jew ingurjajt bi kliem jew b' mod iehor lill Prim' Ministru ta' Malta Dr. Joseph Muscat.

4. Talli fl-istess cirkostanzi aghmilt uzu mhux xieraq b' apparat ta' komunikazzjoni elettronika.

Rat il-Ligi senjatament l-Artikoli 82, 82 A(1) (2), 83 B, 339 1(e) tal-Kap. 9, kif wkoll l-Art. 49 (c ) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ammissjoni ta' l-akkuzat, fhemet il-konsegwenzi ta' l-ammissjoni lill-akkuzat bir-reqqa u l-akkuzat rega ammetta ghall-akkuzi lilhu imputati.

Il-Qorti ssib lill-akkuzat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu tikkundannah piena ta' prigunerija ta' sitt xhur sospizi ghal erba snin, timmultah multa ta' €200, pagabbli permezz ta' pagamenti rateali ta' €20 fix-xahar b' effett mill-1 ta' Ottubru, 2015.

A tenur ta' l-Artikolu 412 ©, tipprojbih milli jaghmel uzu ta' kwalsaisi *social media* inkluz ***Facebook*** u dana ghal perjodu ta' tlett snin millum, filwaqt illi a tenur 412 (d) qieghdha tohroglu ordni ta' trattament u ghandu jigi trattat mill-Awtoritajiet ta' l-Isptar Monte Carmeli kif jidhrilhom huma.

Tordna wkoll illi bl-ebda mod ma javvicina u jkellem lil Dr. Joseph Muscat kif wkoll lill-membri kollha tal-familja tieghu u dana a tenur ta' l-Art. 412 © (skond l-anness digriet).

Tappunta lill-Espert Dr. Martin Bajada gia mqabbad bhala Espert fl-inkjesta relatata mal-kaz odjern sabiex jhassar b' mod definittiv il-*Facebook* account ta' l-akkuzat.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
**Dep. Reg.**